

— tordna lir-rikorrenti tħallas l-ispejjeż sostnuti mill-opponenti

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali “JULIUS K9” għal prodotti fil-klassijiet 18, 25 u 28 — applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 8 452 201

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade marks figurattivi li jirrappreżentaw kelb, għadma (jew għadam) (fil-forma ta' salib) u l-kombinazzjoni alfanumerika “K 9” għal prodotti fil-klassijiet 14, 18 u 25.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Ġunju 2012 — Versalis vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-241/12)

(2012/C 227/48)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Versalis SpA (San Donato Milanese, l-Italja) (rappreżentanti: F. Moretti, L. Nascimbene u M. Siragusa, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-att ikkontestat li permezz tiegħu l-Kummissjoni ddeċidiet li kienu ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet għall-ftuħ mill-ġdid ta' proċeduri ripressivi kontra Versalis S.p.A. u Eni S.p.A., u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors preżenti huwa intiż kontra d-deċiżjoni li tinsab fl-ittra tal-Kummissjoni Ewropea tat-23 ta' April 2012 (D/2012/042050, intitolata: COMP/F/38.638 — *Gomma butadiene u gomma styrene butadiene magħmula bil-proċess ta' polimerizzazzjoni permezz ta' emulsjoni* — *adozzjoni mill-ġdid*) li permezz tiegħu Versalis S.p.A. ġiet infurmata dwar id-deċiżjoni tal-

Kummissjoni li tipproċedi bl-adozzjoni ta' dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ġdida u ta' deċiżjoni ta' ksur ġdida li twassal li tiġi imposta fuqha multa, marbuta mal-proċedura COMP/F/38.638 — *Gomma butadiene u gomma styrene butadiene magħmula bil-proċess ta' polimerizzazzjoni permezz ta' emulsjoni*. Din l-ittra ġiet sussegwenti għas-sentenza tat-13 ta' Lulju 2011 mogħtija fis-sentenza T-59/07, li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ordnat l-annullament tad-deċiżjoni ta' ksur sa fejn din tikkonċerna l-imputazzjoni lir-rikorrenti u, flimkien ma' din tal-aħħar, lill-Eni, taċ-ċirkustanza aggravanti tar-riċidiva, billi pproċediet bil-kalkolu mill-ġdid tal-multa imposta.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv uniku.

Permezz tal-ewwel u l-uniku motiv tar-rikors, ir-rikorrenti tqajjem in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni li terġa tiftaħ il-proċeduri ripressivi fir-rigward tagħha fid-dawl tal-adozzjoni tad-deċiżjoni ġdida ta' ksur. B'mod partikolari, hija tikkunsidra li s-setgħa tal-Kummissjoni li tissanzjona fir-rigward ta' Versalis S.p.A. fir-rigward tal-fatti li huma s-suġġett tal-proċedura COMP/F/38.638 — *Gomma butadiene u gomma styrene butadiene magħmula bil-proċess ta' polimerizzazzjoni permezz ta' emulsjoni* — ġiet eżawrita sussegwentement għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tad-29 ta' Novembru 2006 (C(2006) 5700 finali) annullata u riformata mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea bis-sentenza tat-13 ta' Lulju 2011 fil-Kawża T-59/07, attwalment ikkontestata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Ġunju 2012 — Fuhr vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-248/12)

(2012/C 227/49)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Carl Fuhr GmbH & Co. KG (Heiligenhaus, Ġermanja) (rappreżentanti: C. Bahr, S. Dethof u A. Malec, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2012) 2069 finali, tat-28 ta' Marzu 2012 (Każ COMP/39.452 — *Mekkaniżmi ta' ftuħ għal twieqi u għal bibien tal-ħġieġ*), sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti;

— sussidjarjament, tnaqqas b'mod xieraq l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti fid-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.